XGHAJRA

Minuti tat-tliet u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 29 ta Mejju 2009 fi-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joseph Azzopardi—Vici Sindku |
| | Mario Buhagiar |
| | Angelico Pulis |
| | Joseph Izzo |

| | |
|---|---|
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Arising :–*

(i) Centru Sportiv – Rigward id-devoluzzjoni ta' artijiet fix-Xghajra, is-sindku spjega li Dr Chris Said kien avzana li l-Cabinet id-decieda li devoluzjoni tal-Football Ground biss, parti mill-Facilitajiet Sportivi u li se jkun finazjat mill-fondi tal-MFA u l-KMS, l-ewwel se jgħaddi lill KMS u wara dawn se jghadduh dirett lill Klabb tal-Futbol Xgħajra Tornadoes.

(ii) Fil-kas tal-kumplament ta l-Art kollha eskluz minnha l-ground tal-futbal ma hemmx problemi a rigward it-titolu ta' l-art u se jsir devolution f'isem il-Kunsill Lokali Xgħajra għall iskop tal-Facilitajiet Rikreattivi u Sportivi. Is-Sindku spjega li kienet ix-xewqa tal-Prim Ministru li fl-izvilup li jrid issir l-kunsill għandu jinkludi Għassa tal-Pulizija u Berga.

XGHAJRA

Is-sugget tad-devolution tal-art huwa fi process li jiġi finalizzat wara li saret applikazzjoni ufficjali mill Kunsill tax-Xgħajra.

(iii) Toroq fix-Xgħajra li għadhom pendenti:-

(a) Trejqet ix-Xilep – f'idejn il-kuntrattur

(b) Triq ic-Cern – qed issir

(c) Triq San Gakbu—f'idejn il-kuntrattur imma l-ADT qieghdin jistennu ghall zieda ta' fondi extra ghall din it-triq.

(d) Triq il-Knisja mill–Knisja l-Isfel --- f'idejn il-kuntrattur

(e) Triq il-Fortizza tal-Grazzja, minn fuq s-isfel---f'idejn il-kuntrattur

(f) Triq Dawret ix-Xatt lejn l-impjant – se tiġi *scarified* u mwittija.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza – Gi pprezentat Statement ta Xogħol li qed jsir jew li sar dan l-ahhar, fix-Xgħajra 2006-2009.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda – Approvazzjoni u ratifikazzjoni tal-Infieq tax-Xhur April/Mejju 2009. Gew approvati u ratifkati fejn kien meħtieg. Is-sindku spjega li minhabba li din is-sena Xghajra Day habtet f'għeluq il-hmistax il-sena tal-Kunsill, l-attivittajiet kienu akbar u kienu jinkludu it-tqegħid ta' monument ta' tifkira.

6. Item Nru 6 fuq l-agenda--- Financial Statements tas-sena 2008/9 li għalqu fil-31 ta' Marzu 2009. Is-Sindku pprezenta l-Financial Accounts tas sena 2008/9 ippreparati mill Kunsill u li juru li kien hemm deficiency zgħira ta' xi elfejn euro wara id-deprezzament fuq l-assi fissi. Is-Sindku spjega li din is-sena kienet ferm difficli għaliex waqt li l-ispejjes gholew, il-kontribuzzjoni mill gvern centrali ma' zdietx bl-istess ritmu. Wara diskussjoni dawn l-accounts gew approvati u s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv gew awtorizzati li jibagħtu dawn l-accounts lill Awditur Generali, sabiex jigu l-Awdituri esterni tal-Kunsill sabiex iwwetqu l-awditjar skond il-ligi u bhall kull sena. Gi deciz li sa kemm ma' jkunx hemm tibdil materjali mill l-awdituri, il-Kunsill qieghed japprova li s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv jiffirmaw dawn l-il-"final audited accounts" skont l-ordnijiet permanenti.

7. Item Nru 7 fuq l-aġenda - Affarijiet oħra – Is-Sindku rringrazzja lill Kunsilliera kollha ta support u tal-ħidma li għamlu tul din il-legislattura . B'dan is-support u hidma kontinwa bhala team maghqud l-Kunsill wasal biex iffirmajna M.O.U mal-Gvern li kien l-akbar akkwist li qatt iggwadanjat il-lokal tax-Xgħajra. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja wkoll kemm lis-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll lill Clerk u l-haddiema kollha tal-Kunsill tal-kontribut li taw ma' tul din il-legislatura.

Awgura wkoll success lill kull minn se jikkontesta b'hala kandidat fl-ellezzjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Gunju 2009. Is-Sindku għalaq billi essprima is-sodisfazzjon tieghu li kellu team ta' nies habbrika f-interess specifiku li jssir dak kollu sabiex il-lokal tax-Xghajra titjieb u tizbieh ghall gid tar-residenti kolla tagħha u li hu kien kburi li kien inkarigat li jmexxi dan il-Kunsill.

8. Item Nru 8 fuq l-aġenda – Aġġornament—Peress li il-lagħqa tal-kunsill li jmiss se ssir wara li jigu ellett Kunsill gdid u war li l-kunsilliera jiehdu l-gurament, id-data ta' din il-lagħqa tigi appontata u avvzata aktar tard.

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Is-Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGHAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt